ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 214

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni

**Volum 54**

**19 ta' Awwissu 2011**

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 831/2011 tas-16 ta' Awwissu 2011 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet tal-karbonat tal-barju li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009** . . . . . 1

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 832/2011 tat-18 ta' Awwissu 2011 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex . . . . . 11

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 833/2011 tat-18 ta' Awwissu 2011 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11 13

DEĊIŻJONIJIET

2011/510/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Awwissu 2011 li testendi l-perjodu msemmi fl-Artikolu 114(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea b'rabta mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jżommu l-valuri ta' limitu għaċ-ċomb, il-barju, l-arseniku, l-antimonju, il-merkurju u n-nitrosamini u s-sustanzi nitrosatabbli fil-ġugarelli nnotifikati mill-Ġermanja skont l-Artikolu 114(4)** *(notifikata bid-dokument numru C(2011) 5355)* [1] . . . . . 15

**Prezz: EUR 3**

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

2011/511/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Awwissu 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2004/452/KE li tfassal elenku ta' entitajiet li r-riċerkaturi tagħhom jistgħu jkollhom aċċess għad-dejta kunfidenzjali għall-għanijiet xjentifiċi** *(notifikata bid-dokument numru C(2011) 5777)* ([1]) .................. 19

2011/512/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Awwissu 2011 li temenda l-Anness I mad-Deċiżjoni 2004/211/KE fir-rigward tal-entrati rispettivi tal-Baħrejn u l-Libanu fil-lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom hija awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' equidae ħajjin u ta' semen, ova u embrijuni tal-ispeċi ekwina** *(notifikata bid-dokument numru C(2011) 5863)* ([1]) ........................................................................ 22

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 831/2011

**tas-16 ta' Awwissu 2011**

**li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet tal-karbonat tal-barju li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikoli 9(4) u 11(2), (5) u (6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### A. **PROĊEDURA**

### 1. **Miżuri fis-seħħ**

(1) Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1175/2005 [2] il-Kunsill, impona dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-karbonat tal-barju mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Ir-rata tad-dazju speċifiku u definittiv tvarja minn EUR 6,3 sa EUR 56,4 kull tunnellata.

### 2. **Talba għal reviżjoni ta' skadenza**

(2) Wara l-pubblikazzjoni, f'Marzu 2010, ta' avviż ta' skadenza imminenti tal-miżuri anti-dumping li huma applikabbli għal importazzjonijiet tal-karbonat tal-barju li joriġina fir-RPĊ [3], il-Kummissjoni rċeviet fid-19 ta' April 2010 talba għal reviżjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(3) It-talba għal reviżjoni ta' skadenza ġiet ippreżentata minn Solvay & CPC Barium Strontium GmbH & Co. KG ("l-applikant"), l-uniku produttur tal-karbonat tal-barju fl-Unjoni Ewropea, li jirrappreżenta 100 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-BaCO3. It-talba kienet imsejsa fuq ir-raġuni li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx twassal għal kontinwazzjoni ta' dumping u l-kontinwazzjoni ta' ħsara għall-industrija tal-Unjoni.

(4) Meta ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kienet teżisti biżżejjed evidenza sabiex tingħata bidu għal reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni ppubblikat avviż ta' bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ("avviż ta' bidu") [4].

### 3. **Investigazzjoni**

#### 3.1. *Perijodu ta' investigazzjoni ta' reviżjoni u perijodu kkunsidrat*

(5) L-investigazzjoni li tirrigwarda l-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza ta' dumping u ħsara kopriet il-perijodu mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Ġunju 2010 ("Perijodu tal-Investigazzjoni tar-Reviżjoni" jew "PIR").

(6) L-eżaminazzjoni tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dannu kopriet il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-aħħar tal-PIR ("il-perijodu kkunsidrat").

#### 3.2. *Partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni*

(7) Il-Kummissjoni avżat b'mod uffiċjali lill-applikant, il-produtturi esportaturi fir-RPĊ, l-importaturi/negozjanti, l-utenti fl-Unjoni magħrufa li huma kkonċernati u l-assoċjazzjonijiet u l-produtturi tagħhom fil-pajjiż analogu kif ukoll l-awtoritajiet tar-RPĊ bil-bidu tar-reviżjoni.

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
[2] ĠU L 189, 21.7.2005, p. 15.
[3] ĠU C 78, 27.3.2010, p. 4.
[4] ĠU C 192, 16.7.2010, p. 4.

(8) Il-Kummissjoni tat ukoll l-opportunità lill-partijiet interessati jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u jitolbu seduta fil-limitu ta' żmien stipulat fl-avviż ta' bidu. Il-partijiet kollha interessati, li talbu dan u wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw seduta.

(9) Fid-dawl tan-numru li jidher għoli ta' produtturi esportaturi miċ-Ċina elenkati fit-talbiet, sar ħsieb biex iseħħ it-teħid tal-kampjuni fl-avviż ta' bidu għad-determinazzjoni tad-dumping u l-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping, f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

(10) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni hux meħtieġ, u jekk iva, li tagħżel kampjun, il-produtturi esportaturi kollha ntalbu jippreżentaw irwieħhom quddiem il-Kummissjoni u jipprovdu, kif speċifikat fl-avviż ta' bidu, informazzjoni bażika dwar l-attivitajiet tagħhom li huma relatati mal-prodott ikkonċernat matul il-perijodu mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Ġunju 2010.

(11) Il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet minn tliet kumpanniji jew gruppi ta' kumpannija biss fir-RPĊ u għaldaqstant ġie deċiż li t-teħid ta' kampjuni ma kienx meħtieġ firrigward tal-produtturi esportaturi Ċiniżi.

(12) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-partijiet kollha magħrufa li huma kkonċernati u lil dawk li talbu kwestjonarju fil-limitu taż-żmien stabbilit fl-avviż ta' bidu.

(13) Ir-risposti għal dan il-kwestjonarju waslu mill-applikant u l-aġent relatat miegħu, disa' utenti, erba' importaturi, żewġ produtturi esportaturi fir-RPĊ u żewġ produtturi f'pajjiżi analogi possibbli. Wieħed mill-produtturi esportaturi Ċiniżi li wieġbu għall-eżerċizzju ta' teħid ta' kampjuni ddeċieda li ma jikkooperax aktar fil-proċedimenti.

(14) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġ għall-għan tad-determinazzjoni tal-possibbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping u ħsara u għad-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni. Saru żjarat ta' verifika fil-proprjetà tal-kumpanniji li ġejjin:

(a) *Applikant*

— Solvay & CPC Barium Strontium GmbH & Co. KG, Hannover u l-kumpannija relatata miegħu Solvay Bario e Derivati SpA., Massa

(b) *Produtturi esportaturi fir-RPĊ*

— Zaozhuang Yongli Chemical Co., Ltd., Shangdong Province

— Guizhou Red Star Developing Import & Export Co., Ltd., Guizhou Province

(ċ) *Produtturi fil-pajjiż analogu (Indja)*

— Solvay Vishnu Barium Private Limited, Hyderabad

(d) *Importaturi*

— Norkem Limited, Knutsford, ir-Renju Unit

— L'Aprochimide Srl, Muggio, l-Italja

(e) *Utenti*

— Technische Glasswerke Illmenau GmbH, Illmenau, il-Ġermanja

## B. **PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

### 1. **Prodott ikkonċernat**

(15) Il-prodott ikkonċernat huwa l-istess bħal fl-investigazzjoni preċedenti u huwa definit kif ġej: karbonat tal-barju b'kontenut ta' strontium ta' aktar minn 0,07 % bil-piż u b'kontenut ta' sulfur ta' aktar minn 0,0015 % bil-piż, kemm jekk fi trab, f'għamla granulari jew granulari kalċinata ppressata, li joriġina fir-RPĊ, li bħalissa huwa kklassifikat taħt il-kodiċi NM ex 2836 60 00.

(16) Il-karbonat tal-barju huwa primarjament użat fl-industrija tal-briks u l-madum, is-settur taċ-ċeramika u fil-produzzjoni tal-ferrit. Qabel kien jintuża fil-produzzjoni tat-tubi tar-raġġi katodiċi tat-televiżjoni (CRT) iżda din l-applikazzjoni ma baqgħetx tidher fl-Unjoni wara li ġew sostitwiti bi skrins LCD u plasma.

### 2. **Prodott simili**

(17) Bħal fl-investigazzjoni oriġinali, din il-proċedura wriet li l-karbonat tal-barju prodott fir-RPĊ u esportat lejn l-Unjoni, kif ukoll il-karbonat tal-barju prodott u mibjugħ fis-suq domestiku tal-pajjiż analogu (l-Indja) u dak immanifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-applikant għandhom l-istess karatteristiċi bażiċi fiżiċi u kimiċi u l-istess użi bażiċi.

(18) Għalhekk, dawn il-prodotti jitqiesu li huma prodotti simili fit-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

## C. **DUMPING**

(19) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk l-iskadenza tal-miżuri eżistenti x'aktarx twassal għal kontinwazzjoni ta' dumping.

### 1. **Ġenerali**

(20) Mis-16-il esportatur produttur Ċiniż li ġew ikkuntattjati fil-bidu tar-reviżjoni ta' skadenza, tlieta wieġbu għall-eżerċizzju ta' teħid ta' kampjuni iżda tnejn biss ikkooperaw bi sħiħ mal-Kummissjoni billi wieġbu għal kwestjonarju sħiħ.

## 2. **Pajjiż analogu**

(21) Minħabba li r-RPĊ hija ekonomija fi tranżizzjoni u f'konformità mal-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali għal produtturi esportaturi li ma ngħatawx trattament ta' ekonomija tas-suq ("TES") irid jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-prezz jew il-valur kostruwit f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq ("pajjiż analogu").

(22) L-Istati Uniti tal-Amerika serviet bħala pajjiż analogu fl-investigazzjoni oriġinali u ġiet proposta fl-investigazzjoni preżenti għall-iskopijiet ta' twaqqif ta' valur normali. Madankollu, tqies meħtieġ li jiġi verifikat jekk il-pajjiż għadux xieraq għar-reviżjoni preżenti ta' skadenza. Il-produtturi kollha magħrufa tal-karbonat tal-barju madwar id-dinja, i.e. fil-Brażil, l-Indja, il-Ġappun u l-Istati Uniti tal-Amerika rċevew ittra.Waslu lura żewġ tweġibiet, waħda minn produttur fl-Istati Uniti tal-Amerika u oħra minn produttur fl-Indja.

(23) Wara analiżi bir-reqqa tal-kriterji bħall-produzzjoni totali, in-numru ta' produtturi, il-kompetizzjoni fis-suq, l-importazzjonijiet totali, id-dazji anti-dumping u d-dazji doganali kemm fis-swieq domestiċi Amerikani kif ukoll f'dawk Indjani, ġie deċiż li tintgħażel l-Indja bħala pajjiż analogu. L-għażla tal-Indja, f'konformità mal-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku, kienet meqjusa bħala aktar xierqa mill-Istati Uniti tal-Amerika minħabba d-daqs akbar tas-suq tagħha, il-volumi akbar tal-importazzjonijiet u l-kompetizzjoni aktar b'saħħitha fis-suq domestiku tagħha għal dan il-prodott. F'dak ir-rigward, ma waslu l-ebda kummenti jew oġġezzjonijiet minn xi parti interessata. B'riżultat ta' dan, il-valur normali għal produtturi esportaturi li ma ngħatawx TES ġie bbażat fuq id-dejta provduta mill-produttur fl-Indja.

## 3. **Dumping ta' importazzjonijiet matul il-PIR**

### 3.1. *Valur normali*

(24) Għall-kumpannija li ngħatat TES fl-investigazzjoni oriġinali, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk il-bejgħ domestiku tal-karbonat tal-barju lil konsumaturi indipendenti kienx rappreżentattiv matul il-PIR, jiġifieri jekk il-volum totali ta' dan il-bejgħ kienx jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-bejgħ mill-esportazzjoni tal-prodott lejn l-Unjoni. L-investigazzjoni wriet li dan il-bejgħ ma kienx rappreżentattiv u għaldaqstant il-valur normali kellu jinbena. Il-valur normali stabbilit kien ibbażat fuq l-ispiża totali tal-manifattura flimkien mal-ispejjeż ġenerali u amministrattivi tal-bejgħ tal-kumpannija ("spejjeż tal- SĠA") u l-profitt miksub fuq bejgħ domestiku li sar fl-andament normali tan-negozju tal-prodott simili.

(25) Għall-kumpannija li ma ngħatatx TES fl-investigazzjoni oriġinali, skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali ġie stabbilit fuq il-bażi tal-informazzjoni li waslet mill-produttur kooperattiv fil-pajjiż analogu.

(26) L-ewwel ġie stabbilit jekk il-bejgħ domestiku totali tal-prodott simili lil klijenti indipendenti kienx rappreżentattiv f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, jiġifieri jekk kienx jirrappreżenta 5 % jew aktar tal-volum tal-bejgħ totali tal-prodott ikkonċernat esportat lejn l-Unjoni. Il-bejgħ domestiku tal-produttur kooperattiv fl-Indja kien ikkunsidrat bħala rappreżentat b'mod suffiċjenti matul il-PIR.

(27) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat jekk il-bejgħ domestiku tal-prodott simili jistax jitqies li qiegħed jinbiegħ fl-andament normali tal-kummerċ skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Dan sar billi, għall-prodott simili mibjugħ fis-suq tal-Indja, ġie stabbilit proporzjon tal-bejgħ domestiku bi profitt lil klijenti indipendenti matul il-PIR. Minħabba li ma kienx hemm bejgħ bi profitt tal-prodott simili matul il-PIR, il-valur normali kellu jinbena. Il-valur normali kien ibbażat fuq l-ispiża totali tal-manifattura tal-produttur ikkonċernat flimkien ma' ammont raġonevoli għall-ispejjeż tal-SĠA u ammont raġonevoli ta' profitt f'konformità mal-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku. L-ispejjeż tal-SGA u l-profitt miżjud flimkien mal-ispejjeż tal-manifattura tal-prodott simili li ntuża kienu konformi ma' dawk li ntużaw fl-investigazzjoni oriġinali u ammontaw għal 10,6 % tal-ispejjeż tal-SGA u 7,2 % għall-profitt. Ma kienet provduta l-ebda informazzjoni li turi li dawn l-ammonti ma kienux raġonevoli, lanqas li l-livell ta' profitt użat jaqbeż il-profitt li normalment jintlaħaq minn esportaturi jew produtturi oħrajn fuq bejgħ ta' prodotti tal-istess kategorija ġenerali fis-suq domestiku fil-pajjiż ta' oriġini.

### 3.2. *Prezz tal-esportazzjoni*

(28) Il-bejgħ kollu mill-esportazzjoni lejn l-Unjoni mill-produtturi esportaturi li kkooperaw ikkonċernati sar direttament lil klijenti indipendenti fl-Unjoni u għalhekk, il-prezz tal-esportazzjoni kien stabbilit f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku fuq il-bażi tal-prezzijiet effettivament imħallsa jew li jistgħu jiġu mħallsa.

### 3.3. *Tqabbil*

(29) It-tqabbil bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni sar fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika.

(30) Għall-finijiet li jkun żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, u f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, saret konċessjoni dovuta fil-forma ta' aġġustamenti fir-rigward ta' ċerti differenzi fit-trasport u l-kummissjonijiet, li affettwaw il-prezzijiet u t-tqabbil tal-prezzijiet.

3.4. *Marġni ta' dumping*

(31) F'konformità mal-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-marġni tad-dumping ġie stabbilit abbażi ta' tqabbil tal-valur normali medju differenzjat mal-prezzijiet tal-esportazzjoni medji differenzjati fl-istess livell ta' kummerċ.

(32) Għall-kumpanija li ngħatat TES fl-investigazzjoni oriġinali, dan it-tqabbil wera li l-kumpannija kompliet id-dumping f'livell saħansitra ogħla.

(33) Għall-kumpannija li ma ngħatatx TES fl-investigazzjoni oriġinali, it-tqabbil li sar f'konformità mal-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku wera dumping sinifikanti. Din il-kumpannija tirrappreżenta 98 % tal-esportazzjonijiet li huma soġġetti għad-dazju residwu, it-2 % li baqa' tal-produtturi esportaturi li ma kkooperawx fil-proċediment ma jistgħux jinfluwenzaw il-marġni ta' dumping li nstab. Barra minn hekk, fir-rigward tan-nuqqas ta' kooperazzjoni huwa meqjus li ma jistgħux jiddumpjaw f'livell iktar baxx minn dak tal-kumpannija li qed itkkoopera.

## D. **PROBABBILTÀ TAL-KONTINWAZZJONI TAD-DUMPING**

(34) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, ġie mistħarreġ jekk kienx probabbli li d-dumping jitkompla jekk il-miżuri jitneħħew.

(35) Fir-rigward tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping ġie mistħarreġ l-iżvilupp tal-produzzjoni u tal-kapaċità ta' produzzjoni fir-RPĊ kif ukoll l-iżvilupp probabbli tal-bejgħ ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni u swieq oħra ta' pajjiżi terzi.

(36) Skont l-ilment, ir-RPĊ hija bil-bosta l-ikbar produttur tal-karbonat tal-barju madwar id-dinja. Barra minn hekk ir-RPĊ hija wkoll l-ikbar produttur tal-Barit li huwa l-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Iż-żewġ kumpanniji li qed jikkooperaw waħedhom għandhom kapaċità ta' produzzjoni ta' 331 000 tunnellata fis-sena li hija madwar 3 darbiet dik tal-konsum tal-Unjoni fil-PIR. Barra minn hekk dawn iż-żewġ kumpanniji kellhom total ta' kapaċità żejda ta' 34 000 tunnellata li huma biżżejjed biex ifornu nofs il-konsum tal-Unjoni.

(37) Tlieta mill-produtturi ewlenin ta' madwar id-dinja tal-karbonat tal-barju (l-Istati Uniti tal-Amerika, l-Indja u l-Brażil) bħalissa għandhom miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet Ċiniżi tal-prodott konċernat. Jista' jiġi konkluż li meta wieħed iqis il-kapaċità żejda tal-produzzjoni sinifikanti fir-RPĊ u l-prassi tad-dumping f'bosta swieq, jekk il-miżuri jitneħħew, jiġu lejn is-suq tal-Unjoni volumi addizzjonali.

(38) Il-fatt li, minkejja l-eżistenza ta' miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet Ċiniżi, il-produtturi esportaturi Ċiniżi rnexxielhom jesportaw kwantitajiet sinifikanti lejn l-Unjoni fil-PIR (bi prezz medju ta' EUR 251 kull tunnellata) u biex ikabbru s-sehem tas-suq tagħhom fl-Unjoni, juri l-interess kontinwu tal-esportaturi Ċiniżi fis-suq tal-Unjoni.

(39) Huwa saħansitra aktar ċar fuq il-bażi tal-istatistika tal-esportazzjoni Ċiniża li l-Unjoni hija suq attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi minħabba li huma kisbu whud mill-ogħla prezzijiet ta' esportazzjoni (minkejja d-dumping) meta esportaw lejn l-Unjoni. Skont l-istatistika Ċiniża tal-esportazzjoni, il-prezz medju ta' bejgħ lejn l-Unjoni matul il-PIR kien USD 269 FOB filwaqt li l-prezz medju ta' esportazzjoni lejn l-Indja kien ta' USD 220.

(40) L-istatistika tal-esportazzjoni Ċiniża wriet li minkejja t-tmiem tal-applikazzjoni ewlenija għall-karbonat tal-barju (il-produzzjoni tas-CRT) l-esportazzjonijiet Ċiniżi żdiedu madwar id-dinja minn 130 000 tunnellata fl-2009 għal 158 000 tunnellata fl-2010.

(41) Jekk il-miżuri jitneħħew, huwa mistenni li, fid-dawl tal-kapaċità kbira ta' produzzjoni żejda fir-RPĊ, l-esportazzjonijiet Ċiniżi x'aktarx ikunu direzzjonati lejn l-Unjoni. Il-fatt li s-swieq ewlenin madwar id-dinja bħall-Istati Uniti tal-Amerika, l-Indja u l-Brażil huma protetti b'dazji ta' anti-dumping għoljin, jappoġġja din il-konklużjoni.

(42) Il-prezzijiet ta' dawn l-importazzjonijiet x'aktarx li jkomplu jkunu bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping minħabba li ma hemmx indikazzjoni li l-esportaturi ser ibiddlu l-mod ta' kif qed jipprezzaw jekk il-miżuri jitneħħew.

(43) Għalhekk il-konklużjoni hi li x'aktarx ikun hemm kontinwazzjoni tad-dumping.

## E. **DEFINIZZJONI TAL-INDUSTRIJA TAL-UNJONI**

(44) L-uniku produttur tal-Unjoni li kkoopera jammonta għal 100 % tal-produzzjoni tal-Unjoni tal-karbonat tal-barju matul il-PIR. Għalhekk qed jitqies li jikkostitwixxi l-industrija tal-Unjoni fit-tifsira tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku.

## F. SITWAZZJONI TAS-SUQ TAL-UNJONI

### 1. Konsum tal-Unjoni

*Tabella 1*

**Konsum tal-Unjoni**

| | 2007 | 2008 | 2009 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Konsum (f'tunnellati) | 123 354 | 104 037 | 62 637 | 76 560 |
| Indiċi | 100 | 84 | 51 | 62 |

*Sors*: Tweġibiet ivverifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni u l-istatistika tal-Eurostat

(45) Il-konsum tal-Unjoni kien imsejjes fuq il-volum aggregat ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fl-Unjoni u l-volum ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, skont dejta tal-Eurostat.

(46) Fuq din il-bażi u kif muri fit-Tabella 1 hawn fuq, il-konsum tal-Unjoni naqas b'mod sinifikanti matul il-perijodu kkunsidrat, jiġifieri bi 38 % li huwa spjegat l-aktar bil-fatt li fl-Unjoni sparixxiet l-attività tal-manifattura tas-CRT.

### 2. Volum, sehem tas-suq u prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ

*Tabella 2*

**Importazzjonijiet mir-RPĊ bil-volum, is-sehem tas-suq u l-prezz ta' importazzjoni**

| | 2007 | 2008 | 2009 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-importazzjoni f'tunnellati | 76 306 | 64 573 | 37 341 | 48 720 |
| Indiċi | 100 | 85 | 49 | 64 |
| Sehem mis-suq | 61,9 % | 62,1 % | 59,6 % | 63,6 % |
| Indiċi | 100 | 100 | 96 | 103 |
| Prezz ta' importazzjoni CIF EUR/tunnellata | 230 | 257 | 239 | 251 |
| Indiċi | 100 | 112 | 104 | 109 |

*Sors*: Statistika tal-Eurostat

(47) Matul il-perijodu kkunsidrat il-volumi ta' importazzjoni mir-RPĊ naqsu b'36 % filwaqt li l-konsum fl-Unjoni żdied bi 38 %. Minkejja l-miżuri anti-dumping li jeżistu, u fl-isfond ta' konsum li qed jonqos, is-sehem tas-suq Ċiniż żdied bi tliet punti perċentwali matul il-perijodu kkunsidrat.

(48) Il-prezzijiet medji ta' importazzjoni mir-RPĊ żdiedu b'9 % matul il-perijodu kkunsidrat. L-ogħla żieda fil-prezzijiet seħħet bejn l-2007 u l-2008 minħabba li fl-2009 il-prezzijiet niżlu qabel reġgħu żdiedu fil-PIR.

(49) Il-prezz medju tal-fabbrika tal-industrija tal-Unjoni tqabbel mal-prezzijiet medji ta' importazzjoni CIF Ċiniżi fuq il-fruntiera tal-Unjoni. Dawn il-prezzijiet instabu minn ċifri tal-Eurostat u kienu jinkludu spejjeż ta' wara l-importazzjoni, dazji doganali u ta' anti-dumping. It-tqabbil wera li l-prezzijiet ta' importazzjoni Ċiniżi waqqgħu l-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni matul il-PIR b'37,9 %. Abbażi ta' dan ta' hawn fuq instab li kieku l-miżuri ma kinux fis-seħħ il-prezzijiet ta' importazzjoni Ċiniżi kienu jwaqqgħu dawk tal-industrija tal-Unjoni bi 44,1 %.

### 3. Volum u sehem mis-suq ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra

(50) Volumi totali tal-importazzjoni tal-karbonat tal-barju minn pajjiżi terzi ħlief dawk tar-RPĊ kienu insinifikanti u rrappreżentaw inqas minn 1 % tal-konsum tal-Unjoni matul il-perijodu kkunsidrat.

(51) Għandu jiġi nnutat li l-prezzijiet ta' importazzjoni minn pajjiżi terzi oħra ma waqqgħux il-prezzijiet tal-Unjoni fil-PIR.

### 4. Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

4.1. *Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u utilizzazzjoni tal-kapaċità*

(52) Għandu jiġi nnotat li minħabba li l-industrija tal-Unjoni tikkonsisti fi produttur wieħed biss, id-dejta li hija marbuta mal-produzzjoni, il-kapaċità u l-użu kellha tiġi rappurtata fil-forma ta' indiċi.

*Tabella 3*

**Produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni u użu tal-kapaċità tal-Unjoni**

| Indiċi | 2007 | 2008 | 2009 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Produzzjoni | 100 | 79 | 36 | 47 |
| Il-kapaċità ta' produzzjoni | 100 | 100 | 100 | 100 |
| L-użu tal-kapaċità | 100 | 79 | 36 | 47 |

*Sors*: Tweġibiet verifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni

(53) Il-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqset b'53 % matul il-perijodu kkunsidrat. Għandu jiġi nnotat li

l-industrija tal-Unjoni adattat il-mudell tagħha tal-produzzjoni sa mill-2003 sabiex tissodisfa b'mod adegwat is-sitwazzjoni l-ġdida tas-suq u l-għib tal-applikazzjoni tal-iskrin tas-CRT. B'konsegwenza ta' dan, il-kapaċità tal-produzzjoni naqset b'iktar minn 50 % minħabba li l-prodott li qed jiġi rivedut issa huwa prodott f'kampanji li jalternaw fuq l-istess tagħmir bħal dak tal-karbonat tal-istronzju.

(54) Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni baqgħet l-istess matul il-perijodu kkunsidrat. Għaldaqstant l-użu tal-kapaċità żviluppa b'mod simili bħal dak tal-volumi ta' produzzjoni.

4.2. *Inventarji*

*Tabella 4*

**Inventarji**

| | 2007 | 2008 | 2009 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Indiċi | 100 | 97 | 41 | 41 |

*Sors*: Tweġibiet verifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni

(55) Il-prodott fl-imħażen naqas b'59 % matul il-perijodu kkunsidrat. Dan it-tnaqqis huwa minħabba talba li naqset u l-ħila tal-industrija tal-Unjoni li tadatta għas-sitwazzjoni l-ġdida tas-suq.

4.3. *Volum ta' bejgħ u prezzijiet*

*Tabella 5*

**Volum ta' bejgħ, valuri u prezz ta' bejgħ għal kull unità**

| | 2007 | 2008 | 2009 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Volum ta' bejgħ (indiċi) | 100 | 84 | 53 | 59 |
| Valur ta' bejgħ (indiċi) | 100 | 92 | 66 | 73 |
| Prezz tal-bejgħ għal kull unità (indiċi) | 100 | 109 | 124 | 123 |

*Sors*: Tweġibiet verifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni

(56) Il-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas b'41 % matul il-perijodu kkunsidrat. It-tnaqqis ewlieni seħħ fl-2009 minħabba t-tnaqqis ekonomiku ġenerali. Għaldaqstant il-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas proporzjonalment aktar mill-konsum tal-UE fl-istess perijodu. Il-valur tal-bejgħ naqas b'mod inqas sinifikanti mill-volum minħabba li l-industrija tal-Unjoni rnexxielha żżid il-livelli tagħha ta' prezzijiet matul il-perijodu kkunsidrat meta l-prezzijiet ta' bejgħ għal kull unità żdiedu bi 23 %.

4.4. *Sehem u tkabbir fis-suq*

*Tabella 6*

**Sehem tas-suq tal-industrija tal-Unjoni**

| | 2007 | 2008 | 2009 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Indiċi | 100 | 100 | 105 | 95 |

*Sors*: Tweġibiet ivverifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni, statistika aġġustata tal-Eurostat

(57) Is-sehem tas-suq tal-industrija tal-Unjoni żdied b'5 % fl-2009 qabel niżel b'mod sinifikanti b'10 % fil-PIR. Dan jindika li fin-nuqqas ta' tkabbir fis-suq, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżomm is-sehem tagħha tas-suq.

4.5. *Impjiegi, pagi u produttività*

*Tabella 7*

**Impjiegi, pagi u produttività**

| | 2007 | 2008 | 2009 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Impjiegi (indiċi) | 100 | 87 | 55 | 57 |
| Pagi (EUR/impjegat; indiċi) | 100 | 108 | 106 | 113 |
| Produttività (indiċi) | 100 | 91 | 65 | 82 |

*Sors*: Tweġibiet verifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni

(58) L-impjiegi naqsu b'mod sinifikanti matul il-perijodu kkunsidrat konsegwenza tat-tnaqqis ekonomiku u s-sitwazzjoni l-ġdida tas-suq. Il-pagi medji żdiedu bi 13 % b'konsegwenza ta' rata għolja ta' inflazzjoni li affetwat b'mod dirett l-indiċjar tas-salarju. Il-produttività naqset bi 18 % matul l-istess perijodu b'riżultat tat-tnaqqis fil-volum ta' produzzjoni li ma setax jiġi kkumpensat mit-tnaqqis tan-numru ta' ħaddiema.

4.6. *Profittabilità*

*Tabella 8*

**Profittabilità**

| | 2007 | 2008 | 2009 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Indiċi | -100 | -192 | -351 | -206 |

*Sors*: Tweġibiet verifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni

(59) Il-profitabbiltà tal-industrija tal-Unjoni naqset b'iktar minn 106 % matul il-perijodu kkunsidrat b'konsegwenza tat-tnaqqis ekonomiku u l-għib tal-applikazzjoni tal-iskrin tas-CRT li t-tnejn li huma affettwaw il-volumi u l-ispejjeż tal-bejgħ tal-produzzjoni. L-industrija kienet qed tagħmel telf b'mod kontinwu fil-perijodu kkunsidrat.

4.7. *Investimenti, redditu fuq l-investimenti u abbiltà li jiżdied il-kapital*

*Tabella 9*

**Investimenti u dħul fuq l-investimenti**

| | 2007 | 2008 | 2009 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Investiment (indiċi) | 100 | 82 | 90 | 97 |
| Dħul fuq l-investiment (indiċi) | -100 | -251 | -506 | -176 |

*Sors*: Tweġibiet verifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni

(60) L-investimenti baqgħu stabbli matul il-perijodu kkunsidrat. L-investimenti li saru mill-industrija tal-Unjoni kienu inklużi fis-sena ta' meta kienu saru. Dħul fuq l-investiment (qligħ espress bħala persentaġġ ta' investimenti kull sena) żviluppa b'mod negattiv matul il-perijodu kkunsidrat flimkien ma' dak tal-profittabbiltà.

(61) L-investigazzjoni ma kixfitx evidenza li l-industrija tal-Unjoni kellha xi problemi ewlenin biex tiġbor il-kapital. Madankollu għandu jiġi nnutat li l-investimenti li saru fil-perijodu kkunsidrat ma kinux sinifikanti.

4.8. *Likwidità*

*Tabella 10*

**Likwidità**

| | 2007 | 2008 | 2009 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Indiċi | -100 | -83 | 25 | 32 |

*Sors*: Tweġibiet verifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni

(62) Il-l ikwiditàtjiebet b'mod sinifikanti b'konsegwenza tat-tnaqqis fil-volumi tal-inventarji.

4.9. *Daqs tal-marġni tad-dumping*

(63) Matul il-PIR, minkejja l-miżuri fis-seħħ, id-dumping sostanzjali kompla f'livelli ogħla minn dawk stabbiliti fl-investigazzjoni oriġinali, abbażi kemm tad-dejta mogħtija mill-produtturi esportaturi li kkooperaw u mill-Eurostat.

4.10. *Irkupru mill-effetti ta' dumping tal-imgħoddi*

(64) L-industrija tal-Unjoni, f'kuntest ekonomiku negattiv ġġustifikat mit-tnaqqis ekonomiku ġenerali u l-għib ta' applikazzjoni importanti waħda, ma rkupratx mid-dumping ta' qabel, b'mod partikolari f'termini ta' volumi ta' bejgħ, prezz tal-bejgħ u profittabbiltà. Barra minn hekk instab li d-dumping kompla fil-PIR.

4.11. *Attività ta' esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

*Tabella 11*

**Volum ta' esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni**

| | 2007 | 2008 | 2009 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Indiċi | 100 | 86 | 45 | 66 |

*Sors*: Tweġibiet verifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni

(65) L-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni tal-karbonat tal-barju naqsu b'34 % matul il-perijodu kkunsidrat. L-industrija tal-Unjoni setgħet tesporta biss volumi limitati minħabba l-kompetizzjoni iebsa mill-esportazzjonijiet Ċiniżi fi swieq li mhumiex tal-Unjoni. It-tnaqqis fil-volumi ta' esportazzjoni matul il-perijodu kkunsidrat huwa ġġustifikat ukoll mit-tnaqqis ekonomiku.

4.12. *Konklużjoni dwar il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni*

(66) Filwaqt li l-indikaturi kollha ewlenin tal-ħsara, bħall-volum tal-bejgħ, ilp-profitabbiltà, il-produzzjoni, l-impjiegi u l-produttività wrew żviluppi negattivi matul il-perijodu kkunsidrat, il-miżuri ta' anti-dumping kellhom impatt ta' taffija fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(67) Sa fejn huwa kkunsidrat is-sehem tal-industrija tal-Unjoni, ix-xejra li qed tonqos bi ftit uriet li, minkejja miżuri eżistenti u filwaqt li l-konsum tas-suq naqas, l-importazzjonijiet Ċiniżi ma eskludewx biss pajjiżi oħra mis-suq iżda kisbu wkoll sehem fis-suq għas-spejjeż tal-industrija tal-Unjoni.

(68) Fl-aħħar nett, fid-dawl tal-iżvilupp negattiv tal-indikaturi marbuta mal-industrija tal-Unjoni, huwa meqjus li l-industrija tal-Unjoni kompliet iġġarrab ħsara materjali matul il-perijodu kkonċernat. Għalhekk saret analiżi biex jinstab jekk kienx hemm probabbiltà ta' ħsara kontinwa f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu.

## G. PROBABBILTÀ TAL-KONTINWAZZJONI TAL-ĦSARA

### 1. Taqsira tal-analiżi ta' kemm huwa probabbli li jitkompla d-dumping u li jkun hemm rikorrenza ta' dumping ta' ħsara

(69) Huwa mfakkar li l-kosnum fuq is-suq tal-Unjoni naqas b'mod sinifikanti minħabba li l-investigazzjoni oriġinali li saret minħabba l-għib tas-CRT u t-tnaqqis ekonomiku. F'dawn iċ-ċirkostanzi, is-sehem tas-suq ta' importazzjonijiet Ċiniżi żdied b'iktar minn 15 % filwaqt li s-sehem tas-suq tal-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet ta'

pajjiżi terzi naqas b'mod sinifikanti. Dan juri li, minkejja l-miżuri fis-seħħ u t-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni, il-produtturi esportaturi Ċiniżi wrew interess kontinwu fis-suq tal-Unjoni u setgħu jeskludu pajjiżi terzi mis-suq tal-Unjoni.

(70) Huwa mfakkar ukoll li l-produtturi esportaturi fir-RPĊ komplew bid-dumping u waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni f'livelli sinifikanti ħafna fir-RPĊ. Ibbażat fuq dan, ma hemmx raġuni biex wieħed jemmen li l-produtturi esportaturi Ċiniżi mhux ser ikomplu bid-dumping u jwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni fil-futur.

(71) L-investigazzjoni wriet li l-produtturi esportaturi Ċiniżi kellhom kapaċitajiet żejda sinifikanti matul il-PIR, jiġifieri madwar 280 000 tunnellata. Dan jirrappreżenta aktar minn tliet darbiet tad-daqs tas-suq tal-Unjoni fil-PIR. Minkejja ż-żieda mistennija fit-talba fir-RPĊ, hija mistennija li tippersisti kapaċità żejda u li tibqa' sinifikanti ħafna fis-snin li ġejjin.

(72) Is-suq tal-Unjoni huwa d-destinazzjoni ewlenija tal-esportatur għall-RPĊ. Swieq oħra ewlenin tal-esportazzjoni bħall-Istati Uniti tal-Amerika u l-Indja, għandhom [1] miżuri anti-dumping xierqa kontra l-karbonat tal-barju li joriġina fir-RPĊ. Għaldaqstant dawn is-swieq huma prattikament inaċċessibbli għall-esportaturi Ċiniżi. Fid-dawl tal-interess tal-produtturi esportaturi Ċiniżi għas-suq tal-Unjoni, huwa mistenni li, f'każ li l-miżuri jitneħħew, volum kbir ta' esportazzjonijiet jidħlu fis-suq tal-Unjoni, b'effett qawwi ġenerali ta' tnaqqis tal-prezzijiet.

## 2. Konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tal-ħsara

(73) Fuq il-bażi ta' dak ta' hawn fuq, huwa kkunsidrat li jekk il-miżuri jitneħħew, x'aktarx ikun hemm żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ lejn l-Unjoni, bi pressjoni biex il-prezzijiet jonqsu. Tali sitwazzjoni x'aktarx twassal għall-għib tal-industrija tal-Unjoni fit-termini medji billi min-naħa, il-volum imnaqqas ta' bejgħ ma jippermettix li l-industrija tal-Unjoni li tnaqqas spejjeż fissi b'mod suffiċjenti u, min-naħa l-oħra, ma tkunx tista' tilħaq livelli suffiċjenti ta' prezzijiet. Il-kontinwità tal-ħsara kibret fil-perijodu li kien ikkunsidrat mit-tnaqqis ekonomiku u mill-għib ta' applikazzjoni importanti.

## 3. Żviluppi wara l-PIR

(74) Minkejja li l-prezzijiet ta' importazzjoni żdiedu bi 17,8 % mill-aħħar tal-PIR għal Frar 2011 filwaqt li l-prezzijiet ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdiedu b'madwar 7 % biss fl-istess perijodu, l-importazzjonijiet tar-RPĊ kienu għadhom qed iwaqqgħu l-prezzijiet tal-Unjoni b'iktar minn 15 % wara l-PIR.

[1] Dazji Indjani anti-dumping kontra l-firxa Ċiniża ta' karbonat tal-barju minn USD 76,06 għal USD 236 kull tunnellata; Dazji anti-dumping tal-Istati Uniti kontra firxa Ċiniża ta' karbonat tal-barju minn 34,4 għal 81,3 %.

## H. INTERESS TAL-UNJONI

### 1. Kumment preliminari

(75) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku ġie analizzat jekk il-kontinwazzjoni tal-miżuri attwali ta' anti-dumping tkunx kontra l-interess tal-Unjoni kollha kemm hi. Il-kalkolu tal-interess tal-Unjoni kien imsejjes fuq stima tal-bosta interessi involuti, jiġifieri dawk tal-industrija tal-Unjoni, importaturi u utenti tal-prodott ikkonċernat.

(76) Billi l-investigazzjoni attwali hija reviżjoni ta' skadenza, teħtieġ analiżi ta' qagħda li fiha kienu diġà fis-seħħ il-miżuri anti-dumping u l-istima ta' kull impatt negattiv mhux dovut fuq il-partijiet affettwati mill-miżuri anti-dumping preżenti.

(77) Abbażi ta' dan ġie analizzat jekk kienx hemm raġunijiet inevitabbli li jwasslu għall-konklużjoni li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jinżammu miżuri f'dan il-każ partikolari, minkejja l-konklużjonijiet ta' hawn fuq dwar il-probabbiltà tal-kontinwità ta' dumping u l-probabbiltà ta' kontinwità ta' ħsara.

### 2. Interessi tal-industrija tal-Unjoni

(78) L-investigazzjoni wriet li l-industrija tal-Unjoni kienet qed topera b'mod kost-effettiv. Tabilħaqq, naqqset in-numru ta' ħaddiema u bidlet il-mudelli ta' produzzjoni sabiex tadatta għas-sitwazzjoni tas-swieq il-ġodda u tiżgura s-sostenibilità tal-impjant meta, kif indikat fil-premessa (53), il-karbonat tal-barju u l-karbonat tal-istronzju huma prodotti f'kampanji li jalternaw. Minkejja li l-miżuri ma kkontribwixxewx għall-irkupru tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni, dawn kellhom effett ta' taffija fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha. Tabilħaqq, mingħajr il-miżuri eżistenti, x'aktarx li s-suq tal-Unjoni kien ikun miżgħud b'importazzjonijiet ta' prezz baxx li joriġinaw fir-RPĊ u l-industrija tal-Unjoni kien ikollha tagħlaq.

(79) Kif imsemmi hawn fuq, il-mudell tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni hija bbażata fuq żewġ prodotti li huma interdipendenti; jiġifieri volumi ta' bejgħ suffiċjenti għaż-żewġ prodotti huma meħtieġa sabiex inaqqsu l-ispejjeż fissi. Jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, iż-żieda mistennija fil-volum ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping twassal għal tnaqqis sostanzjali tal-attività tal-karbonat tal-barju, li minnha nnifisha, tagħmel l-attività tal-karbonat tal-istronzju inqas profittabbli, li twassal għall-iżmantellament eventwali tal-impjant kollu.

(80) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, ġie konkluż li huwa fl-interess tal-industrija tal-Unjoni li jinżammu miżuri kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ.

### 3. **Interessi ta' importaturi mhux relatati**

(81) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-utenti kollha mhux relatati magħrufa. Waslu tweġibiet mingħand erba' produtturi tal-Unjoni. Tnejn minn dawn l-importaturi kienu attivi fil-produzzjoni ta' sospensjoni magħquda, soluzzjoni magħmula mill-karboatr tal-bajru, additivi u ilma, għall-industrija tal-briks.

(82) L-importaturi indikaw li l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping wasslet biex il-prezzijiet jogħlew fiż-żmien tal-impożizzjoni. F'dan ir-rigward, wieħed għandu jinnota li ma kinitx aktar innutata tali differenza minħabba li l-prezzijiet ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni meta mqabbla ma' prezzijiet medji għas-swieq kollha li mhumiex tal-Unjoni nstabu li huma f'livell simili bħal matul il-PIR [1].

(83) L-impurtaturi indikaw ukoll li ma kienx hemm nuqqas ta' karbonat tal-barju fis-suq tal-Unjoni minkejja li kienu qed jaffaċċjaw diffikultajiet li dejjem jiżdiedu biex iġibu l-karbonat tal-barju mir-RPĊ minħabba talba domestika li żdiedet. Madankollu l-istatistika tal-importazzjoni ma turix xi żieda fil-volum tal-esportaturi tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul jew wara l-PIR. Dan huwa kkonfermat ukoll mis-sejbiet li jikkonċernaw kapaċità żejda fil-premessa (71).

(84) Instab ukoll li l-miżuri fis-seħħ ma kellhomx effett negattiv fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-importaturi.

(85) Abbażi ta' dak ta' hawn fuq, ġie konkluż li l-miżuri attwali fis-seħħ ma kellhomx effett sostanzjali negattiv fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom u li l-kontinwità tal-miżuri ma taffettwax b'mod mhux adegwat l-importaturi.

### 4. **Interessi tal-utenti**

(86) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-utenti kollha magħrufa. Waslu tweġibiet minn disa' utenti tal-prodott ikkonċernat. Kif indikat fil-premessa (16), l-utenti industrijali ewlenin tal-karbonat tal-barju fl-Unjoni huma attivi fl-industrija tal-briks u tal-madum, is-settur taċ-ċeramika u fil-produzzjoni tal-ferrit.

(87) Utent wieħed issottometta li l-eżistenza jew il-kontinwità tal-miżuri ma tkunx fl-interess tal-utenti, madankollu ma appoġġax l-ilment tiegħu. Ħadd mill-utenti l-oħra li wieġbu għall-kwestjonarju ma indikaw li l-miżuri kellhom impatt sinfikanti fuq in-negozji tagħhom u li għandhom jitneħħew.

### 5. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(88) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ġie konkluż li ma hemmx raġunijiet inevitabbli kontra li l-miżuri ta' anti-dumping jittawlu.

[1] *Sors*: Statistika dwar l-esportazzjoni Ċiniża.

## I. **MIŻURI ANTI-DUMPING**

(89) Il-partijiet kollha ġew mgħarrfa dwar il-fatti essenzjali u l-kunsiderazzjonijiet li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi rakkomandat li jinżammu l-miżuri. Ingħataw ukoll perijodu ta' żmien biex jissottomettu l-kummenti u t-talbiet tagħhom wara l-iżvelar tar-riżultati. Ma wasal ebda kumment wara l-iżvelar.

(90) B'hekk huwa ċar minn dak li hu msemmi hawn fuq li, kif stipulat fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-karbonat tal-barju li joriġina fir-RPĊ, imposti mir-Regolament (KE) Nru 1175/2005, għandhom jinżammu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Dazju anti-dumping definittiv huwa b'dan impost fuq l-importazzjonijiet tal-karbonat tal-barju b'kontenut ta' strontium ta' aktar minn 0,07 % bil-piż u b'kontenut ta' sulfur ta' aktar minn 0,0015 % bil-piż, kemm jekk fi trab, f'għamla granulari jew granulari kalċinata ppressata, li bħalissa huwa kklassifikat bil-kodiċi NM ex 2836 60 00 (Kodiċi TARIC 2836 60 00 10), li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

2. L-ammont tad-dazju anti-dumping definittiv għandu jkun ugwali għal ammont fiss kif speċifikat hawn taħt għal prodotti magħmula minn dawn il-fabbrikanti:

| Kumpannija | Rata tad-dazju (EUR/t) | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|
| Hubei Jingshan Chutian Barium Salt Corp. Ltd, 62, Qinglong Road, Songhe Town, Jingshan County, Hubei Province, PRC | 6,3 | A606 |
| Zaozhuang Yongli Chemical Co. Ltd, South Zhuzibukuang Qichun, Zaozhuang City Center District, Shandong Province, PRC | 8,1 | A607 |
| Kumpanniji l-oħra kollha | 56,4 | A999 |

3. F'każijiet fejn merkanzija saritilha xi ħsara qabel daħlet fiċ-ċirkolazzjoni libera u, għalhekk, il-prezz li ġie mħallas jew kellu jithallas huwa pproporzjonat għad-determinazzjoni tal-valur doganali skont l-Artikolu 145 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju [2], l-ammont ta' dazju anti-dumping, ikkalkolat fuq il-bażi ta' ammonti fissi stabbiliti hawn fuq, għandu jitnaqqas b'persentaġġ li jikkorrispondi għall-proporzjonar tal-prezz li tħallas jew għandu jitħallas.

[2] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

4. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji doganali.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jibqa' fis-seħħ għal perijodu ta' ħames snin.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Awwissu 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. DOWGIELEWICZ

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 832/2011

## tat-18 ta' Awwissu 2011

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (1),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati (2), u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-19 ta' Awwissu 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Awwissu 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

(1) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
(2) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AR | 38,5 |
| | MK | 29,3 |
| | ZZ | 33,9 |
| 0707 00 05 | TR | 141,4 |
| | ZZ | 141,4 |
| 0709 90 70 | EC | 45,6 |
| | TR | 147,7 |
| | ZZ | 96,7 |
| 0805 50 10 | AR | 62,5 |
| | BR | 45,3 |
| | CL | 75,4 |
| | TR | 64,0 |
| | UY | 94,4 |
| | ZA | 82,0 |
| | ZZ | 70,6 |
| 0806 10 10 | EG | 67,8 |
| | MK | 41,0 |
| | TR | 158,0 |
| | ZZ | 88,9 |
| 0808 10 80 | AR | 84,3 |
| | BR | 60,8 |
| | CA | 98,2 |
| | CL | 115,4 |
| | CN | 73,5 |
| | NZ | 100,9 |
| | US | 161,1 |
| | ZA | 90,7 |
| | ZZ | 98,1 |
| 0808 20 50 | AR | 161,3 |
| | CL | 156,9 |
| | CN | 49,3 |
| | NZ | 115,4 |
| | ZA | 117,2 |
| | ZZ | 120,0 |
| 0809 30 | TR | 121,9 |
| | ZZ | 121,9 |
| 0809 40 05 | BA | 46,2 |
| | ZZ | 46,2 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 833/2011**

**tat-18 ta' Awwissu 2011**

**li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2010/11 ġew stabbiliti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 867/2010 ([3]). Dawn il-prezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 823/2011 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11, huma b'dan mmodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-19 ta' Awwissu 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Awwissu 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 259, 1.10.2010, p. 3.
([4]) ĠU L 209, 17.8.2011, p. 41.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mid-19 ta' Awwissu 2011**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 48,04 | 0,00 |
| 1701 11 90 (1) | 48,04 | 0,49 |
| 1701 12 10 (1) | 48,04 | 0,00 |
| 1701 12 90 (1) | 48,04 | 0,20 |
| 1701 91 00 (2) | 53,24 | 1,50 |
| 1701 99 10 (2) | 53,24 | 0,00 |
| 1701 99 90 (2) | 53,24 | 0,00 |
| 1702 90 95 (3) | 0,53 | 0,20 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-4 ta' Awwissu 2011**

**li testendi l-perjodu msemmi fl-Artikolu 114(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea b'rabta mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jżommu l-valuri ta' limitu għaċ-ċomb, il-barju, l-arseniku, l-antimonju, il-merkurju u n-nitrosamini u s-sustanzi nitrosatabbli fil-ġugarelli nnotifikati mill-Ġermanja skont l-Artikolu 114(4)**

*(notifikata bid-dokument numru C(2011) 5355)*

**(it-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/510/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 114(6) tiegħu,

Billi:

### II FATTI

(1) Fl-20 ta' Jannar 2011, il-Gvern Federali Ġermaniż talab, skont l-Artikolu 114(4) tat- Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-permess tal-Kummissjoni biex jibqa' jżomm id-dispożizzjonijiet eżistenti stipulati fil-liġi Ġermaniża għall-ħames elementi li ġejjin: iċ-ċomb, l-arseniku, il-merkurju, il-barju u l-antimonju kif ukoll għan-nitrosamini u s-sustanzi nitrosatabbli li jiġu rilaxxati mill-materjal tal-ġugarelli, wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Parti III tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli [1].

### L-Artikolu 114(4) u (6) tat-TFUE

(2) L-Artikolu 114(4) u (6) tat-TFUE jistipula:

"4. Jekk, wara l-adozzjoni ta' miżura ta' armonizzazzjoni mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni, Stat Membru jħoss li jkun meħtieġ li jżomm id-dispożizzjonijiet nazzjonali fuq il-bażi ta' neċessitajiet maġġuri msemmija fl-Artikolu 36, jew li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien tal-ambjent jew tal-ambjent tax-xogħol, dan għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'dawn id-dispożizzjonijiet kif ukoll dwar ir-raġuni għaliex għandhom jinżammu.

(…)

6. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien sitt xhur min-notifika msemmija, tapprova jew tiċħad id-dispożizzjonijiet nazzjonali involuti, wara li tkun ivverifikat jekk humiex, jew le, mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew ta' restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn Stati Membri u jekk joħolqux, jew le ostakolu għall-funzjonament tas-suq intern.

Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni matul dan il-perijodu, id-dispożizzjonijiet nazzjonali msemmija fil-paragrafi 4 (…) għandhom ikunu meqjusa bħala li kienu approvati.

Meta tkun iġġustifikata mill-komplessità tal-materja u meta ma m'hemmx periklu għas-saħħa umana, il-Kummissjoni tista' tgħarraf lill-Istat Membru kkonċernat li l-perjodu msemmi f'dan il-paragrafu jista' jittawwal b'perjodu ieħor ta' sitt xhur.".

### Id-Direttiva 2009/48/KE

(3) Id-Direttiva 2009/48/KE (minn hawn 'il quddiem id-Direttiva) tistipula r-regoli dwar is-sikurezza tal-ġugarelli, u dwar il-moviment liberu tagħhom fl-Unjoni Ewropea. Skont l-Artikolu 54, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ dispożizzjonijiet nazzjonali li jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-20 ta' Jannar 2011, u għandhom japplikawhom mill-20 ta' Lulju 2011. Il-Parti III tal-Anness II tad-Direttiva se tkun applikabbli mill-20 ta' Lulju 2013.

(4) Id-Direttiva tinkludi, fil-punt 8 tal-parti III tal-Anness II, il-valuri speċifiċi għan-nitrosamini u għas-sustanzi nitrosatabbli. Dawn is-sustanzi għandhom ikunu projbiti għall-użu fil-ġugarelli maħsuba għall-użu mit-tfal ta' taħt is-36 xahar jew f'ġugarelli oħrajn li huma maħsuba biex jitqiegħdu fil-ħalq, jekk il-migrazzjoni tas-sustanzi tkun ekwivalenti għal 0,05 mg/kg jew ogħla għan-nitrosamini u 1 mg/kg għas-sustanzi nitrosatabbli. Il-punt 13 tal-parti III tal-Anness II tad-Direttiva jinkludi l-limiti speċifiċi ta' migrazzjoni għal bosta elementi, inklużi ċ-ċomb, l-arseniku, il-merkurju, il-barju u l-antimonju.

[1] ĠU L 170, 30.6.2009, p. 1.

Jeżistu tliet limiti differenti ta' migrazzjoni, marbuta mat-tip ta' materjal tal-ġugarell: xott, fraġli, materjal tal-ġugarelli bħat-trab jew flessibbli, materjal tal-ġugarelli likwidu jew li jwaħħal u materjal tal-ġugarelli li jinbarax minn fuq il-ġugarell. Ma għandhomx jinqabżu l-limiti li ġejjin: 13,5, 3,4 u 160 mg/kg għaċ-ċomb, 3,8, 0,9 u 47 mg/kg għall-arseniku, 7,5, 1,9 u 94 mg/kg għall-merkurju, 4 500, 1 125 u 56 000 mg/kg għall-barju, u 45, 11,3 u 560 mg/kg għall-antimonju.

## Id-dispożizzjonijiet nazzjonali Ġermaniżi

(5) L-Ordinanza Ġermaniża dwar l-Oġġetti għall-Konsumatur (*Bedarfsgegenständeverordnung*) tistipula r-rekwiżiti għan-nitrosamini u s-sustanzi nitrosatabbli. Dawn id-dispożizzjonijiet ġew adottati fl-2008 fil-kuntest ta' nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tal-UE dwar in-nitrosamini u s-sustanzi nitrosatabbli fil-ġugarelli. L-Ordinanza dwar l-Oġġetti tal-Konsumatur (*Bedarfsgegenständeverordnung*) titlob li għan-nitrosamini u għas-sustanzi nitrosatabbli fil-ġugarelli magħmula minn gomma naturali jew sintetika li jkunu maħsubin għal tfal taħt is-36 xahar u li jkunu maħsuba jew mistennija li jitqiegħdu fil-ħalq, l-ammont rilaxxat b'riżultat tal-migrazzjoni għandu jkun żgħir, tant li ma jkunx jidher f'analiżi fil-laboratorju. L-Ordinanza msemmija hawn fuq fil-preżent teħtieġ li l-migrazzjoni ta' nitrosamini u ta' sustanzi nitrosatabbli tkun inqas minn 0,01 mg/kg għan-nitrosamini u inqas minn 0,1 mg/kg għas-sustanzi nitrosatabbli. Id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar in-nitrosamini u s-sustanzi nitrosatabbli huma stipulati fil-punt 1.b tal-Anness 4, u fil-punt 6 tal-Anness 10, tal-Ordinanza dwar l-Oġġetti tal-Konsumaturi (*Bedarfsgegenständeverordnung*), ippubblikata fit-23 ta' Diċembru 1997, u emendata reċentement bl-Ordinanza tas-6 ta' Marzu 2007.

(6) It-Tieni Ordinanza relatata mal-Att dwar is-Sikurezza tat-Tagħmir u l-Prodotti (*Verordnung über die Sicherheit von Spielzeug – 2. GPSGV*)) tikkonċerna b'mod partikolari l-elementi li ġejjin: iċ-ċomb, l-arseniku, il-merkurju, il-barju u l-antimonju. Il-valuri tal-limitu għall-elementi msemmija hawn fuq li jinsabu fit-Tieni Ordinanza relatata mal-Att dwar is-Sikurezza tat-Tagħmir u l-Prodotti (*Verordnung über die Sicherheit von Spielzeug – 2. GPSGV*) huma dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 88/378/KEE tat-3 ta' Mejju 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward is-sigurtà tal-ġugarelli [1]. Dawn il-limiti ilhom applikabbli fl-UE mill-1990. Il-bijodisponibilità massima ta' kuljum hija 0,7 µg għaċ-ċomb, 0,1 µg għall-arseniku, 0,5 µg għall-merkurju, 25,0 µg għall-barju u 0,2 µg għall-antimonju. Id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-elementi msemmija hawn fuq huma stipulati fil-paragrafu 2 tat-Tieni Ordinanza relatata mal-Att dwar is-Sikurezza tat-Tagħmir u l-Prodotti (*Verordnung über die Sicherheit von Spielzeug – 2. GPSGV*), emendati reċentement bl-Ordinanza tas-6 ta' Marzu 2007.

## PROĊEDURA

(7) Meta kienet se tiġi adottata d-Direttiva (f'Mejju 2009) il-Ġermanja kienet ivvutat kontra l-adozzjoni, u r-raġunijiet għal dan kienu jinkludu l-fehma tagħha li l-livell ta' ħarsien rigward ir-rekwiżiti kimiċi kien inadekwat.

(8) Fl-20 ta' Jannar 2011, permezz tal-ewwel ittra tiegħu mibgħuta mill-Ministeru Federali tal-Affarijiet Ekonomiċi u tat-Teknoloġija, il-Gvern Federali Ġermaniż talab, skont l-Artikolu 114(4) tat-TFUE, il-permess tal-Kummissjoni biex iżomm id-dispożizzjonijiet eżistenti stipulati fil-liġi Ġermaniża għall-ħames elementi li ġejjin: iċ-ċomb, l-arseniku, il-merkurju, il-barju u l-antimonju, kif ukoll għan-nitrosamini u s-sustanzi nitrosatabbli li jiġu rilaxxati mill-materjal tal-ġugarelli, wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Parti III tal-Anness II tad-Direttiva. Permezz ta' ittra mibgħuta mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant Permanenti tiegħu bid-data tat-2 ta' Marzu 2011, il-Gvern Federali tal-Ġermanja bagħat ġustifikazzjoni sħiħa tat-talba tiegħu. Il-ġustifikazzjoni ddettaljata kien fiha għadd ta' annessi li kienu jinkludu l-istudji xjentifiċi bid-data ta' Jannar 2011, mingħand il-*Bundesinstitut für Risikobewertung* (minn hawn 'il quddiem il-BfR) dwar il-valutazzjoni tar-riskju għas-saħħa tas-sustanzi msemmijin hawn fuq.

(9) Il-Kummissjoni kkonfermat li kienet irċeviet it-talba permezz ta' żewġ ittri bid-dati tal-24 ta' Frar 2011 u l-14 ta' Marzu 2011, u ffissat il-limitu ta' żmien għar-risposta tagħha għall-5 ta' Settembru 2011, skont l-Artikolu 114(6) TFEU.

(10) B'ittra tal-24 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni għarrfet lill-Istati Membri l-oħra dwar in-notifika li rċeviet mingħand il-Gvern Federali tal-Ġermanja. Il-Kummissjoni ppubblikat ukoll avviż dwar in-notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2] biex tgħarraf lil partijiet interessati oħra dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali li l-Gvern Federali tal-Ġermanja għandu l-ħsieb li jżomm kif ukoll dwar ir-raġunijiet li hemm għal dan.

## VALUTAZZJONI

## Ammissibbiltà

(11) L-Artikolu 114(4) huwa dwar każi fejn jiġu nnotifikati d-dispożizzjonijiet nazzjonali b'rabta ma' miżura ta' armonizzazzjoni tal-UE, fejn dawn tal-ewwel ikunu ġew adottati u ddaħħlu fis-seħħ qabel l-adozzjoni tal-miżura ta' armonizzazzjoni tal-UE u fejn iż-żamma tad-dispożizzjonijiet nazzjonali tkun inkompatibbli ma' din il-miżura. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali ġew innotifikati b'rabta mad-Direttiva 2009/48/KE, miżura ta' armonizzazzjoni adottata abbażi tal-Artikolu 95 ta' dak li kien it-Trattat tal-KE. Dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali ġew adottati u daħlu fis-seħħ fl-1990 u fl-2008, għalhekk qabel l-adozzjoni ta' din id-Direttiva.

Barra minn hekk, l-Artikolu 114(4) jeżiġi li n-notifika tad-dispożizzjonijiet nazzjonali tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni tar-raġunijiet marbuta ma' waħda jew iktar mir-rekwiżiti kbar imsemmija fl-Artikolu 36 jew inkella mal-ħarsien tal-ambjent jew mal-ambjent tax-xogħol. L-applikazzjoni mressqa mill-Ġermanja fiha spjegazzjoni tar-raġunijiet marbutin mal-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem li, fil-fehma tal-Ġermanja, jiġġustifikaw iż-żamma tad-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħha.

[1] ĠU L 187, 16.7.1988, p. 1.

[2] ĠU C 159, 28.5.2011, p. 23.

Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-applikazzjoni mressqa mill-Ġermanja bl-għan li tikseb l-awtorizzazzjoni biex iżżomm id-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħha dwar il-ħames elementi: iċ-ċomb, l-arseniku, il-merkurju, il-barju u l-antimonju; kif ukoll dawk dwar in-nitrosamini u s-sustanzi nitrosatabbli, hija aċċettabbli.

**Rikors għat-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 114(6) tat-TFEU**

(12) Wara studju dettaljat tad-dejta u l-informazzjoni kollha, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-kundizzjonijiet stipulati fit-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 114(6) huma sodisfatti biex hi jista' jkollha rikors għall-possibbiltà li testendi l-perjodu ta' sitt xhur li fihom trid tapprova jew tiċħad id-dispożizzjonijiet nazzjonali nnotifikati mill-Ġermanja.

*Ġustifikazzjoni bbażata fuq il-kumplessità tal-kwistjoni*

(13) Il-Gvern Federali Ġermaniż ipprovda bosta annessi li fihom ġustifikazzjoni u tagħrif xjentifiku dettaljati li jsostnu l-miżuri nazzjonali nnotifikati. B'mod partikolari ġiet ipprovduta valutazzjoni tal-effetti fuq is-saħħa taċ-ċomb, l-antimonju, il-barju, l-arseniku u l-merkurju, kif ukoll tan-nitrosamini u s-sustanzi nitrosatabbli bid-data ta' Jannar 2011 mill-BfR.

(14) It-tagħrif li bagħat il-BfR fih id-dejta tossikoloġika ddettaljata u kumplessa dwar dawn is-sustanzi msemmijin, kif ukoll referenzi estiżi għal rapporti u litteratura xjentifiċi Biex wieħed ikun jista' jkompli għal deċiżjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 114(6) jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk it-tagħrif li pprovdiet il-Ġermanja kienx diġà ġie vvalutat u meqjus waqt il-proċess tar-reviżjoni tad-Direttiva, jew jekk għandux jitqies bħala tagħrif xjentifiku ġdid.

(15) Fl-Artikolu 46 id-Direttiva tipprevedi l-possibbiltà li jiġu emendati ċerti dispożizzjonijiet marbutin mal-kimiċi biex ikun żgurat l-aġġornament ma' żviluppi tekniċi u xjentifiċi. Għalhekk il-ħames elementi li tikkonċerna t-talba tal-Ġermanja, (iċ-ċomb, l-arseniku, il-barju, il-merkurju u l-antimonju) jistgħu jiġu emendati u aġġornati mal-aħħar tagħrif xjentifiku.

(16) Fl-2010 l-Kummissjoni waqqfet grupp ta' ħidma dwar is-sustanzi kimiċi fil-ġugarelli (minn hawn 'il quddiem, il-grupp ta' ħidma), fuq talba tal-Istati Membri. Dan il-grupp ta' ħidma, magħmul minn esperti dwar il-kimika mill-Ġermanja, mid-Danimarka, mill-Italja, minn Franza, mill-Isvezja, mill-Awstrija, mill-Pajjiżi Baxxi, mir-Repubblika Ċeka, u mill-assoċjazzjonijiet Industrijali u tal-Konsumaturi, jivvaluta t-tagħrif xjentifiku ġdid u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni dwar kif għandhom jipproċedu bl-emendar ta' ċerti dispożizzjonijiet dwar il-kimiċi li hemm fid-Direttiva.

(17) Il-Kummissjoni għandha titlob il-fehma tal-grupp ta' ħidma dwar il-ġustifikazzjoni ddettaljata li rċeviet mingħand il-Ġermanja, biex tiddeċiedi jekk din għandhiex titqies bħala tagħrif xjentifiku ġdid, u b'hekk tiġi użata bħala bażi għall-emendar tad-dispożizzjonijiet kimiċi tad-Direttiva billi jiġu stabbiliti kundizzjonijiet stretti. Il-laqgħa li jmiss tal-grupp ta' ħidma hija prevista għall-31 ta' Awwissu 2011.

(18) Barra minn hekk, fil-5 ta' April 2011, il-grupp ta' ħidma rrikmanda lill-esperti tal-Istati Membri li għandhom jitbaxxew il-valuri preżenti għaċ-ċomb. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew approvati mill-Kummissjoni u mill-esperti tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni bdiet ix-xogħol ta' tħejjija għal din l-emenda u r-rapport preliminari tal-istima tal-impatt se jitressaq għad-diskussjoni waqt il-laqgħa li jmiss mal-esperti tal-Istati Membri f'Ottubru 2011. Hemm ippjanata l-adozzjoni ta' proposta formali fl-ewwel sitt xhur tal-2012.

(19) Il-grupp ta' ħidma ddiskuta l-valuri ta' limitu preżenti għall-barju, u stqarr li ma kienx hemm evidenza xjentifika ġdida; iżda nġabru għadd ta' valutazzjonijiet differenti magħmulin minn organizzazzjonijiet xjentifiċi. Il-grupp ta' ħidma ddeċieda li tinħtieġ aktar diskussjoni. Il-grupp ta' ħidma huwa mistenni li jiffinalizza r-rakkomandazzjonijiet tiegħu waqt il-laqgħa tal-31 ta' Awwissu 2011, u dawn jiġu ppreżentati lill-esperti tal-Istati Membri f'Ottubru 2011.

(20) Il-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (KXSK) fil-preżent qed jivvaluta l-gravità tar-riskju li hemm minħabba l-preżenza tan-nitrosamini u s-sustanzi nitrosatabbli fil-bżieżaq u fil-prodotti kosmetiċi. Din l-opinjoni, li hi mistennija f'Settembru 2011, se titfa' dawl ġdid fuq l-esponiment tat-tfal għan-nitrosamini u għas-sustanzi nitrosatabbli u fuq ir-riskju marbut ma' dan l-esponiment.

(21) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni skont l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 114(6) għalhekk għandha tistenna r-riżultat tad-diskussjonijiet u l-valutazzjonijiet li għaddejjin bħalissa, biex tiġi stmata l-evidenza kollha rilevanti preżenti u tal-ġejjieni u jintlaħqu l-konklużjonijiet dwar il-miżuri nazzjonali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni hija tal-fehma li huwa ġġustifikat li l-perjodu ta' sitt xhur li matulu hi trid tapprova jew tiċħad id-dispożizzjonijiet nazzjonali jiġi estiż għal żmien itwal li jagħlaq fil-5 ta' Marzu 2012.

*Nuqqas ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem*

(22) Kif inhu indikat fl-Artikolu 55 tad-Direttiva, il-punti 8 u 13 tal-parti III tal-Anness II se jkunu applikabbli mill-20 ta' Lulju 2013. Sal-20 ta' Lulju 2013 għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet preżenti li għandhom x'jaqsmu maċ-ċomb, l-antimonju, il-barju, l-arseniku u l-merkurju, stabbiliti fid-Direttiva 88/378/KEE u fit-Tieni Ordinanza relatata mal-Att dwar is-Sikurezza tat-Tagħmir u l-Prodotti (*Verordnung über die Sicherheit von Spielzeug – 2. GPSGV*). Minħabba li ma hemm ebda dispożizzjonijiet tal-UE dwar in-nitrosamini u s-sustanzi nitrosatabbli li jiġu rrilaxxati mill-ġugarelli, il-punt 1.b tal-Anness 4 u l-punt 6 tal-Anness 10 tal-Ordinanza dwar l-Oġġetti tal-Konsumatur (*Bedarfsgegenständeverordnung*) ukoll jibqgħu japplikaw sal-20 ta' Lulju 2013.

(23) Għaldaqstant, billi d-dispożizzjonijiet nazzjonali li bihsiebu jżomm il-Gvern Federali Ġermaniż mhux se jiġu rrevokati qabel l-20 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjoni ta' nuqqas ta' periklu hija sodisfatta.

**KONKLUŻJONI**

(24) Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-applikazzjoni tal-Ġermanja, li l-Gvern Federali Ġermaniż kien innotifikaha biha b'mod sħiħ fit-2 ta' Marzu 2011, bl-għan li jikseb l-approvazzjoni biex iżomm il-valuri għaċ-ċomb, għall-arseniku, għall-merkurju, għall-barju u għall-antimonju, kif ukoll għan-nitrosamini u għas-sustanzi nitrosatabbli maħsubin għall-użu minn trabi ta' taħt is-36 xahar jew fil-ġugarelli li huma intiżi biex jiddaħħlu fil-ħalq, hija ammissibbli.

(25) Iżda minħabba l-kumplessità tal-kwistjoni u minħabba n-nuqqas ta' provi li jenfasizzaw il-periklu għas-saħħa tal-bniedem, il-Kummissjoni hija tal-fehma li jkun ġustifikat jekk il-perjodu msemmi fl-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 114(6) jiġi mtawwal sal-5 ta' Marzu 2012.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Skont it-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 114(6) tat-TFEU, il-perjodu ta' sitt (6) xhur imsemmi fl-ewwel sottoparagrafu biex jiġu approvati jew miċħudin id-dispożizzjonijiet dwar il-ħames elementi: (iċ-ċomb, l-arseniku, il-merkurju, il-barju u l-antimonju, kif ukoll in-nitrosamini u s-sustanzi nitrosatabbli) innotifikati mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fit-2 ta' Marzu 2011, skont l-Artikolu 114(4), huwa mtawwal sal-5 ta' Marzu 2012.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Awwissu 2011.

*Għall-Kummissjoni*

Antonio TAJANI

*Viċi-President*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-17 ta' Awwissu 2011

## li temenda d-Deċiżjoni 2004/452/KE li tfassal elenku ta' entitajiet li r-riċerkaturi tagħhom jistgħu jkollhom aċċess għad-dejta kunfidenzjali għall-għanijiet xjentifiċi

*(notifikata bid-dokument numru C(2011) 5777)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/511/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-istatistika Ewropea (1) u b'mod partikolari l-Artikolu 23 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 831/2002 tas-17 ta' Mejju 2002, rigward fakoltà ta' użu ta' data kunfidenzjali għal skopijiet xjentifiċi (2), jistabbilixxi, għal skop li jippermetti konklużjonijiet statistiċi miġbura għal skopijiet xjentifiċi, il-kondizzjonijiet li skonthom tista' jingħata aċċess għal dejta konfidenzjali trasmessi lil awtorità Komunitarja u r-regoli ta' kooperazzjoni bejn il-Komunità u l-awtoritajiet nazzjonali sabiex jitħeffef tali aċċess.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/452/KE (3) tistabbilixxi elenku ta' entitajiet li r-riċerkaturi tagħhom jisgħtu jkollhom aċċess għad-dejta kunfidenzjali għall-għanijiet xjentifiċi.

(3) L-Unità tal-Protezzjoni Soċjali, l-Istrateġija għall-Inklużjoni Soċjali, id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni tal-Kummissjoni Ewropea; u l-Istitut tal-Istudji Fiskali (Instituto de Estudios Fiscales – IEF), Madrid, Spanja; għandhom jitqiesu bħala organi li jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa u għalhekk għandhom jizdiedu mal-lista ta' aġenziji, organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(1)(e) tar-Regolament (KE) Nru 831/2002.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew dwar is-Sistema Statistika (il-Kumitat ESS).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni 2004/452/KE jinbidel bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Awwissu 2011.

*Għall-Kummissjoni*
Olli REHN
*Membru tal-Kummissjoni*

(1) ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.
(2) ĠU L 133, 18.5.2002, p. 7.
(3) ĠU L 156, 30.4.2004, p. 1.

*ANNESS*

*“ANNESS*

**ORGANI LI R-RIĊERKATURI TAGĦHOM JISTGĦU JKOLLHOM AĊĊESS GĦAL DEJTA KUNFIDENZJALI GĦAL SKOPIJIET XJENTIFITIĊI**

Il-Bank Ċentrali Ewropew

Il-Bank Ċentrali Spanjol

Il-Bank Ċentrali Taljan

University of Cornell (L-Istat ta’ New York, l-Istati Uniti tal-Amerika)

Department of Political Science, Baruch College, New York City University (L-Istat ta’ New York, l-Istati Uniti tal-Amerika)

Il-Bank Ċentrali Ġermaniż

L-Unità tal-Analiżi tax-Xogħol, id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaqs tal-Kummissjoni Ewropea

University of Tel. Aviv (l-Iżrael)

Il-Bank Dinji

Center of Health and Wellbeing (CHW), Woodrow Wilson School of Public and International Affairs, Princeton Univeristy, New Jersey, l-Istati Uniti tal-Amerika

The University of Chicago (UofC), Illinois, l-Istati Uniti tal-Amerika

L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD)

Family and Labour Studies Division of Statistics Kanada, Ottawa, Ontario, il-Kanada

L-Unità tal-Ekonometrika u l-Appoġġ Statistiku lill-Unità tal-Ġlieda kontra l-Frodi (ESAF), iċ-Ċentru Konġunt ta’ Riċerka tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea

L-Unità ta’ Appoġġ liż-Żona ta’ Riċerka Ewropea (SERA), iċ-Ċentru Konġunt ta’ Riċerka tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea

Kanada Research Chair, School of Social Science, Atkinson Faculty of Liberal and Professional Studies, York University, Ontario, il-Kanada

University of Illinois at Chicago (UIC), Chicago, l-Istati Uniti tal-Amerika

Rady School of Management, University of California, San Diego, l-Istati Uniti tal-Amerika

Direction de l’Animation de la Recherche, des Études et des Statistiques (DARES), il-Ministeru tax-Xogħol, id-Djalogu Soċjali u s-Solidarjetà, Pariġi, Franza

The Research Foundation of State University of New York (RFSUNY), Albany, l-Istati Uniti tal-Amerika

Eläketurvakeskus (ETK), il-Finlandja

Direction de la Recherche, des Études, de l’Évaluation et des Statistiques (DREES), il-Ministeru tax-Xogħol, id-Djalogu Soċjali u s-Solidarjetà, il-Ministeru tas-Saħħa, iż-Żgħażagħ u l-Isport u l-Ministeru tal-Baġit, il-Kontijiet Pubbliċi u r-Riforma tal-Istat, Pariġi, Franza

Duke University (DUKE), North Carolina, l-Istati Uniti tal-Amerika

Kansaneläkelaitos (KELA), il-Finlandja

Hebrew University of Jerusalem (HUJI), l-Iżrael

Service public fédéral 'Sécurité sociale'/Federale Overheidsdienst 'Sociale Zekerheid', il-Belġju

Sabanci University, Tuzla/Istanbul, it-Turkija

McGill University, Montreal, il-Kanada

Id-Direttorat tas-Servizz Ekonomiku u r-Riformi Strutturali, id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-Kummissjoni Ewropea

L-Unità tal-Protezzjoni Soċjali, l-Istrateġija għall-Inklużjoni Soċjali, id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni tal-Kummissjoni Ewropea

Instituto de Estudios Fiscales (IEF), Madrid, Spanja"

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**tat-18 ta' Awwissu 2011**

**li temenda l-Anness I mad-Deċiżjoni 2004/211/KE fir-rigward tal-entrati rispettivi tal-Baħrejn u l-Libanu fil-lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom hija awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' equidae ħajjin u ta' semen, ova u embrijuni tal-ispeċi ekwina**

*(notifikata bid-dokument numru C(2011) 5863)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/512/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992, li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(I) tad-Direttiva 90/425/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3)(a) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwidi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) u (4), u l-frażi introduttorja tal-Artikolu 19 u l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 19 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 92/65/KEE tistabbilixxi kundizzjonijiet applikabbli għall-importazzjonijiet ta' annimali, semen, ova u embrijuni. Dawk il-kundizzjonijiet għandhom ikunu mill-inqas ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(2) Id-Direttiva 2009/156/KE tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni ta' equidae ħajjin fl-Unjoni. Tistipula li l-importazzjonijiet tal-equidae fl-Unjoni huma awtorizzati biss minn pajjiżi terzi li ilhom ħielsa mill-glanders għal perjodu ta' mill-inqas sitt xhur.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE tas-6 ta' Jannar 2004 li tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' equidae ħajjin u ta' semen, ova u embrijoni tal-ispeċi ekwina, u li temenda d-Deċiżjonijiet Nru 93/195/KEE u 94/63/KE ([3]) tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, jew partijiet minnhom fejn japplika t-taqsim ta' pajjiżi f'reġjuni, li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni tal-equidae u s-semen, l-ova u l-embrijuni tagħhom, u tindika l-kundizzjonijiet l-oħra li japplikaw għal tali importazzjonijiet. Din il-lista hija stipulata fl-Anness I mad-Deċiżjoni u tinkludi żwiemel irreġistrati u s-semen tagħhom mil-Libanu.

(4) Il-Kummissjoni Reġjonali għal-Lvant Nofsani tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) informat lill-Kummissjoni li Laboratorju ta' Referenza tal-OIE kkonferma l-każijiet tal-glanders (*Burkholderia mallei)* fl-equidae fil-Libanu.

(5) Għaldaqstant, l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' żwiemel irreġistrati u tas-semen tagħhom mil-Libanu ma għandhiex tibqa' tiġi awtorizzata. Huwa neċessarju li l-entrata għal-Libanu tiġi emendata skont dan fil-lista stipulata fl-Anness I mad-Deċiżjoni 2004/211/KE.

(6) F'April 2010, il-Kummissjoni rċeviet rapport dwar xi każijiet ikkonfermati tal-glanders fil-partijiet tat-Tramuntana tal-Baħrejn. Sabiex tissospendi l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' żwiemel irreġistrati, is-semen, l-ova u l-embrijuni tagħhom, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2010/333/UE tal-14 ta' Ġunju 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2004/211/KE fir-rigward tar-reġistrazzjonijiet tal-Baħrejn u l-Brażil fil-lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' equidae ħajjin u ta' semen, ova u embrijoni tal-ispeċi ekwina ([4]).

(7) Missjoni ta' spezzjoni veterinarja li twettqet f'Baħrejn f'Ġunju 2011 sabet evidenza biżżejjed li l-Baħrejn implimentat miżuri biex tikkontrolla l-marda fit-Tramuntana u li s-sorveljanza li twettqet fit-territorju tal-Baħrejn ikkonfermat in-nuqqas kontinwu ta' din il-marda fil-parti tan-Nofsinhar tal-Baħrejn. Barra minn hekk, il-Baħrejn implimentat kontrolli fuq il-movimenti, li jinkludu projbizzjoni infurzata b'mod strett fuq il-movimenti tal-equidae mill-parti tat-Tramuntana tat-territorju tal-Baħrejn għall-parti tan-Nofsinhar tal-gżira ewlenija tal-Baħrejn. Konsegwentament, huwa possibbli li l-Baħrejn tinqasam f'reġjuni sabiex jiġi awtorizzat id-dħul temporanju u l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' żwiemel irreġistrati mill-parti tan-Nofsinhar tal-gżira ewlenija tal-Baħrejn.

(8) Huwa neċessarju, skont dan, li l-entrata għall-Baħrejn tiġi emendata u li jiġu pprovduti dettalji tad-delimitazzjoni tal-parti tan-Nofsinhar tal-gżira ewlenija tal-Baħrejn fil-lista stipulata fl-Anness I mad-Deċiżjoni 2004/211/KE.

([1]) ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.
([2]) ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1.
([3]) ĠU L 73, 11.3.2004, p. 1.
([4]) ĠU L 150, 16.6.2010, p. 53.

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I mad-Deċiżjoni 2004/211/KE huwa emendat kif ġej:

1. l-entrata għal-Libanu hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "LB | Il-Libanu | LB-0 | Il-pajjiż kollu | E | — | — | — | — | — | — | — | — | —" | |

2. l-entrata għall-Baħrejn hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "BH | Il-Baħrejn | BH-0 | Il-pajjiż kollu | E | — | — | — | — | — | — | — | — | — | |
| | | BH-1 | Il-parti tan-Nofsinhar tal-gżira ewlenija tal-Baħrejn<br>(ara l-Kaxxa 4 għad-dettalji) | E | X | — | X | — | — | — | — | — | —" | |

3. Qiegħda tiġi miżjuda l-Kaxxa 4 b'konformità mal-Anness.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Awwissu 2011.

*Għall-Kummissjoni*
John DALLI
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

Il-Kaxxa 4 li ġejja għandha tiġi miżjuda mal-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE:

"Kaxxa 4:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| BH | Il-Baħrejn | BH-1 | Id-delimitazzjoni tal-parti tan-Nofsinhar tal-gżira ewlenija tal-Baħrejn | |
| | | | Il-fruntiera tat-Tramuntana: | Mill-kosta tal-Punent hekk kif tispiċċa l-Awtostrada Zallaq fil-punt tad-dħul tal-Lukanda Sofitel fid-direzzjoni lejn il-Lvant mal-Awtostrada Zallaq safejn tiltaqa' mal-Awtostrada SHK Khalifa,<br>tipproċedi mal-Awtostrada SHK Khalifa fid-direzzjoni lejn it-Tramuntana sal-fruntiera ta' Al Rawdha, demarkata permezz tal-ħajt tal-Palazz tar-Re,<br>tipproċedi mal-fruntieri taż-żona ta' Al Rawdha fid-direzzjoni lejn il-Lvant sar-roundabout f'Al Safra fl-Awtostrada SHK Salman u lil hinn fid-direzzjoni lejn in-Nofsinhar sar-roundabout fil-punt tad-dħul għall-villaġġ Awali,<br>tipproċedi mal-Awtostrada Muaskar fid-direzzjoni lejn il-Lvant sar-roundabout fl-Awtostrada Al Esteglal/l-Awtosrada Hawar u lil hinn fid-direzzjoni lejn in-Nofsinhar fl-Awtostrada Hawar sakemm din tispiċċa fil-kosta tal-Lvant fil-punt tad-dħul għall-villaġġ ta' Askar. |
| | | | Il-fruntiera tal-Punent: | il-linja tal-kosta |
| | | | Il-fruntiera tal-Lvant: | il-linja tal-kosta |
| | | | Il-fruntiera tan-Nofsinhar: | il-linja tal-kosta" |

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT